TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 234/15/GB

**Carmela Barbara**

**vs**

**Oxford House Ltd.**

Illum 24 ta' Frar 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-22 ta' Dicembru, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' sebgha mija hamsa u tmenin Ewro (€785.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal forn, li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema forn kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas m'attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fil-5 ta' Lulju 2013, hija kienet xtrat forn minghand is-socjeta' ntimata ghall-prezz ta' sebgha mija hamsa u tmenin Ewro (€785.00).

Ghal habta ta' xahrejn wara, u cioe' Settembru 2013, il-forn beda jintefa wahdu, kemm il-darba, waqt li tkun qed tuzah u meta jfettillu.

Illi ghalhekk, minnufih, ir-rikorrenti kienet infurmat lis-socjeta' ntimata, fejn is-socjeta' ntimata kienet baghtet it-tekniku taghha sabiex jara l-forn.

Ghalkemm it-*technicians* marru ghand ir-rikorrenti kemm il-darba, u sahansitra, darba minnhom hadu l-forn maghhom u damu biex haduh lura gimgha, dan baqa' jaghmel l-istess u meta jfettillu jintefa wahdu.

Apparti dan id-difett, il-*burners* tal-*hob* ukoll ma bdewx jahdmu u fil-fatt marru kemm il-darba.

It-tekniku tas-socjeta' ntimata kien issuggerixxa li r-rikorrenti tbiddel ir-regolatur tac-cilindru tal-gas, u dan ghal li jista' jkun il-forn ma kienx qieghed jahdem sew kagun ta' hsara fir-regolatur. Ir-rikorrenti kienet fil-fatt biddlet ir-regolatur darbtejn, izda l-forn baqa' jintefa u l-*burners* baqghu ma jahdmux sew.

Ir-rikorrenti ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta.

It-Tribunal, wara li ra r-Regolament numru 4.1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 378.01, u wara li ra li s-socjeta' ntimata pprezentat ir-risposta bil-miktub wara li kien skada t-terminu ta' tmientax-il jum stipulat mill-istess Legislazzjoni Sussidjarja, cahad ir-risposta tas-socjeta' ntimata u ddikjara li s-socjeta' ntimata baqghat kontumaci.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentatx ir-risposta taghha ghat-talba in kwistjoni fit-terminu mpost mill-Ligi, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrenti konsumatur, billi ma jistax ikun li oggett jittiehed ghat-tiswija ghal diversi drabi u xorta jibqa' bil-problemi, u dana apparti l-inkonvenjenza li tikkawza lill-konsumatur. Illi ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna li s-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' sebgha mija hamsa u tmenin Ewro (€785.00) lir-rikorrenti, filwaqt li kontestwalment ma' tali hlas, jordna lir-rikorrenti tirritorna l-forn in kwistjoni lis-socjeta' ntimata, li ghandu jingabar mis-socjeta' ntimata a spejjez taghha, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

Illi, it-Tribunal, wara li ra l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna wkoll lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' hames mitt Ewro (€500.00) lir-rikorrenti, bhala danni morali ghall-ansjeta' u l-inkonvenjenza kkawzata lilha mill-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**